MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2012

Numru. 443/2011

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Micallef)
vs
Brandon Charles Pace, iben Ronald, imwieled il-Canada fil-25 ta’ Awwissu, 1981, karta ta’ l-identita numru 582691(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fil-15 ta’ Jannar, 2010 għal ħabta tal-11.50 a.m. ġewwa t-Triq Reġonali, Sliema saq vettura bin-numru tar-erġistrazzjoni JDJ 323 u kien involut f’inċident tat-traffiku u involontarjament ikkaġuna ġrieħi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Anthony Zerafa skont kif iċċertifika Mr. Jason Zammit.

Il-Prosekuzzjoni tablet li l-imsemmiija persuna tiġi skwalifikat milli tieħu jew ikollha ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu li din il-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar, 2012 fejn Anthony Zerafa ddikjara li l-ferita li ġarrab kienet ferita gravi f'irkoptu 'per durata'. Minbarra dan, informa l-Qorti li l-aspetti ċivili ta' dan il-każ ġew transatti. Għalhekk, iddikjara li ma għandux interess f'din il-kawża, ħafer lill-imputat u iddikjara li mhux ser joffri x-xhieda tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat għandu fedina penali netta u tagħmel referenza għall-konsiderazzjoni hawn fuq magħmula mill-parte ċivile. Tinnota li l-inċident kien wieħed sfortunat. Għaldaqstant, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għas-sopensjoni tal-liċenzja tas-sewqan ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------